# DUN ĠUŻEPP ZAMMIT (BRIGHELLA)

**Tony Terribile**




Din is-sena, għal darb'oħra se naraw kwadru ta' persunaġġ ieħor li jinsab imdendel ma' wieħed mill-ħitan tas-sagristija tal-knisja kolleġġjata ta' Sant'Elena, Birkirkara.

Il-ħarsa tagħna se nixħtuha fuq il-kwadru ta' qassis għaref Malti, Dun Ġużepp Zammit, magħruf ukoll bħala "Brighella". Għalkemm dan ma kienx Karkariż, kellu rabtiet kbar ma' din il-Parroċċa.

L-ewwelnett kien hu li kiteb il-versi sbieħ ta' wieħed mill-innijiet li jitkantaw f'dawn il-jiem; it-tieninett, għex l-aħħar jiem ta' ħajtu f'dan ir-raħal; It-tieletnett dan il-kwadru ġie irregalat lil din il-knisja minnu stess; u l-aħħar rabta, li meta miet indifen fil-kannierja ta' din il-knisja.

## MIN KIEN DAN IL-QASSIS?

Bla dubju kien wieħed mill-qassisin 'rivoluzzjonarji' tas-seklu dsatax. Twieled il-Belt Valletta nhar it-tieni jum t'April tal-1802. Minn ċkunitu ħabb il-poeżija u r-rima kienet tinħass fi kliemu.

Minn kmieni wkoll wera imħabba lejn il-Latin u din l-imħabba kibret miegħu u għal din ir-raġuni l-ġenituri tiegħu, bagħtuh għand Dun Luigi Rigord, l-aqwa latinista Malti ta' dawk iż-żminijiet, u hawnhekk iż-żagħżugħ Ġużeppi Zammit wera biċ-ċar it-talenti tiegħu u għalhekk bagħtuh jipperfezzjona fis-suġġett fil-Belt ta' Ruma. Ġie lura Malta wara sentejn bl-unuri kollha u beda jiġi magħruf bħala l-Abbate Dun Ġużepp Zammit.

Mill-ewwel inxteħet fuq il-kitba u kien ukoll għalliem is-Seminarju ta'

l-Isqof. Kellu patrijottiżmu kbir. Kellu pinna tajba mhux biss biex tikteb il-poeżiji iżda wkoll biex tniggeż lil dawk kollha li kienu jabbużaw bil-poter li kellhom jew li kienu jinqdew bl-injoranza tal-poplu.

Dawn il-kitbiet kien jippublikahom f'ġurnali ta' natura satirika u għalhekk lil dan il-qassis għandna nħarsu lejh bħala l-pijunier tal-ġurnaliżmu satiriku. Ippubblika bosta edizzjonijiet b'ismijiet differenti bħal ma' kienet 'La Frusta', 'Il-Ħatar' u oħrajn, ismijiet, li jirriflettu x'kien il-ħsieb ta' dawn il-ġurnali. Fi żmienu l-poplu tagħna kien diġà maqsum f'żewġ estremi koroh. Numru kbir ta' Maltin kienu ma' l-Ingliżi, li dawn kienu qed jinfluwenzaw il-poplu bit-tagħlim protestant u grupp ieħor riedu li Malta ssir parti mill-Italja.

Bil-pinna tiegħu Dun Ġużepp kien jeħodha kontra dawn iż-żewġ estremi. Fl-1851 daħal f'bawxata serja meta akkuża żewġ qassisin Maltin li kienu membri tal-mażunerija Taljana. Dawn irribellaw u spiċċaw il-Qorti, b'Dun Ġużepp jeħel il-ħabs. Xellef difru ma' bosta saħansitra ma' l-Isqof Francesco Saverio Caruana meta dan issospendieh milli jibqa' għalliem is-Seminarju. Wara dan, Dun Ġużepp Zammit "iddedikalu" poeżija satirika.

Barra dan "l-inkwiet" kollu Dun Ġużepp ippubblika erba' kotba ta' poeżiji u kitbiet bil-Latin. Il-fama tiegħu ġriet il-barra mix-xtut tagħna, u għalhekk il-kitbiet tiegħu wassluh biex jingħata midalji u onorifiċenzi minn pajjiżi barranin. Imma għaliex lil Dun Ġużepp rabtuh mal-laqam Brighella?

Dan hu isem ta' kummiedja satirika Venezjana fejn bil-kelma BRIGA jifhmu inkwiet u Dun Ġużepp kien ifittxu l-inkwiet!!

B'dan il-ħsieb f'moħħu fl-1838 beda jippubblika ġurnal ta' xejra satirika u tah l-isem ta' Brighella u dan l-isem intrabat miegħu qabel u wara mewtu.

Dan il-qassis għaref għex l-aħħar snin ta' ħajtu f'Birkirkara, fejn nistgħu ngħidu li għex fil-faqar. Kien il-gvernatur Sir Arthur Borton li kien ħariġlu pensjoni. Miet fl-1890, u kif għidna indifen fil-kannierja ta' Birkirkara.

Sena oħra, jiġifieri fis-sena 2002, Dun Ġużepp Zammit Brighella, jagħlaq mitejn sena mit-twelid tiegħu. Xieraq li jkun imfakkar!!


# Calleja's Tailoring

***Ladies and Gents Tailor***

*Prop.*
Ant. Calleja

Brared Street,
Birkirkara